MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 29/2006

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur li permezz tieghu ddikjara u talab hekk :

1. Illi l-esponenti zzewweg lil C D ta' nazzjonalita' Marokkina fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejnu tlieta (2003), fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens ta' l-intimata kien vizzjat b' difett serju ta'

diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-intimata li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-kunsens ta’ l-esponent inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Kawzali :

1. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens ta’ l-intimata kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-intimata li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

2. Illi l-kunsens tar-rikorrent nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenjzali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

3. Illi z-zwieg qatt ma gie kkunsmat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet :

1. Illi filwaqt illi l-esponenti qed taqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, qed jigi eccepiet illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-istess rikorrenti li jaqdi l-obbligazzjonjiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet il-provi bil-gurament ;

Semghet it-trattazzjonijet tal-partijiet ;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-20 ta' Novembru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19 tal-Kap.255; kif ukoll stante li z-zwieg baqa' ma giex kkonsumat. Il-konvenuta minn naha taghha, tattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghar-raguni kontemplata fl-imsemmi paragrafu [d] attribwibbli lill "intimat".

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin Malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Marokkina, fl-20 ta' Novembru 2003 meta allura kellhom 20 u 33 sena rispettivammnet, u dan wara xi zmien li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin.

Illi l-versjonijiet tal-partijiet jikkuntrastaw f' aspetti determinanti ghall-vertenza in ezami, izda jaqblu fuq aspett wiehed ukoll ta' natura determinanti. Iz-zewg partijiet jaqblu li qabel iz-zwieg huma kienu ftehmu li minn dan iz-zwieg ma jkollhomx tfal. Il-konvenuta tghid li hija kienet taghmel uzu mill-kontracettivi proprju minhabba f' hekk. L-attur minn naha tieghu jghid li huma qatt ma kellhom x' jaqsmu flimkien proprju peress li ma kienux riedu tfal, u sahansitra jghid li qatt ma kienu ghexu flimkien.

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-partijiet imputaw lil xulxin certu fatti li gew reciprokament michuda, jirrizulta car u ammess minnhom li huma dahhlu f' dan iz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva li jkollom tfal. Dan il-fatt wahdu

jwassal ghan-nullita' taz-ziweg fit-termini tal- paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat; u dan stante li rrizulta manifestament li, ghalkemm huma esternament u ghaddew minn ceremonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghhom eskludew obbligazzjoni essenzjali matrimonjali – dik tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fl-20 ta' Novembru 2003. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------